**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**HAL LIJA**
**TEL NO : 21416111 FAX : 21416941**
**EMAIL : lija.lc@gov.mt**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 60

<u>Il-Ħamis 27 t'April 2017</u>

Il-Kunsill Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5:00PM ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku
Is-Sinjorina Stephanie Cutajar – Viċi Sindku
Is-Sinjorina Lorraine Farrugia – Minority Leader
Is-Sinjur Massimo Scerri – Kunsillier
Is-Sur Salvu Farrugia - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Ħadd

ASSENTI
Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Georgette Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi ppresedjat il-laqgħa.

## 60.1 Introduzzjoni

60.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5.10p.m. b'introduzzjoni mis-Sindku fejn laqgħet u tat merħba lill-Kunsillier il-ġdid, is-Sur Salvu Farrugia li ġie elett wara l-elezzjoni każwali biex intela l-post vakant ta' Dr. Marc Sant.

60.1.2 Hija reġgħet irringrazzjat lil Dr. Marc Sant tal-ħidma tiegħu fil-Kunsill.

60.1.3 Għalkemm il-Kunsilliera ma kienux waslu kollha pero il-laqgħa bdiet peress li kien hemm kworum.

60.1.4 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi laqgħet lil Accountant tal-Kunsill u stiednitha biex tippreżenta l-Audited Accounts lill-Kunsill.

60.1.5 L-Accountant bdiet tispjega dawn l-accounts fejn qalet li hija ta' sodisfazzjon li din is-sena l-Kunsill mar ferm aħjar mis-sena l-oħra fejn is-*surplus* għal din is-sena huwa ta' €34,322 fejn is-sena l-oħra kien ta' €7,212.

60.1.6 Hija qalet li għalkemm kien hemm qabża kbira xorta waħda għadna ma ilħaqqniex l-FSI.

60.1.7 Hija spjegat ukoll li l-*current assets* huma akbar mill-*current liabilities.*

60.1.8 Is-Sindku qalet li forsi nistgħu nibdew napplikaw għal xi fondi għall-proġetti żgħar ta' l-EU fejn ikun *fully financed* jew jekk ikun hemm xi fondi li l-Kunsill ikollu iħallas bil- persentaġġ żgħir.

60.1.9 L-Audited Accounts ġew approvati mill-Kunsill unanimament.

60.1.10 L-Accountant ħarġet mill-kamra fil-5.30p.m. u l-laqgħa tkompliet billi s-Sindku staqsiet jekk kienx hemm korrezzjonijiet fil-minuti nr 59 tal-11 ta' April 2017.

60.1.11 Il-ħin issa huwa 5.40p.m. u waslu ż-żewġ Kunsilliera l-oħra, is-Sur Massimo Scerri u s-Sinjorina Stephanie Cutajar.

60.1.12 Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi stiednet lill-Kunsilliera biex jagħmlu l-korrezjonijiet tagħhom għall-minuti nr 59 tas-11 ta' April 2017.

60.1.13 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar kellha korrezzjoni waħda fuq nr 59.2.7.

60.1.14 Fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondata mis-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi minuti nr 59 bid-data tal-11 ta' April 2017 ġew approvati unanimament.

## 60.2 Punti mqajma mill-minuti

60.2.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq 59.2.11fejn kella tinġieb il-bin tal-ħwejjeġ fi Triq Robert Mifsud Bonnici.

60.2.2 Is-Segrerarju nfurmat li din il-bin kienet għada ma tpoġġietx mhux għax kien hemm xi problema u suppost għandha titpoġġa dalwaqt.

60.2.3 Fuq din il-bin tal-ħwejjeġ, is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill u l-Kunsill qabel li jekk ikun hemm xi problema din il-bin titneħħa minnufih.

60.2.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq 59.3.23 – 59.3.25 fuq l-issue ta' Sqaq Nru.1 fi Triq Preziosi.

60.2.5 Is-Segretarju nfurmat li s-Sindku għad trid tagħti d-data meta hija tkun *available* biex niltaqgħu mat-TM biex niddiskutu l-problema tal-parkeġġ f'dan l-isqaq u l-affarijiet l-oħra pendenti.

60.2.6 Is-Segretarju nfurmat wara l-aħħar laqgħa fejn ir-residenti kienu ġew jitkellmu mal-Kunsill fuq din il-problema, il-parkeġġ issa kien qed isir mhux mir-residenti ta' l-isqaq.

60.2.7 Din trid tigi diskussa mat-TM.

60.2.8 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li *tentative date* għal din il-laqgħa mat-TM hija 4 ta' Mejju 2017 fin-12.30p.m. jew inkella it-Tlieta 9 ta' Mejju 2017 bejn 12.30p.m. u 1.00p.m.

60.2.9 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq 59.3.63 fejn qed jiġu pparkjati ambulanzi barra fit-triq ma' l-għelieqi.

60.2.10 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li kien sar kuntatt mal-Pulizija fejn ikkonfermaw li kull min iħallas il-liċenzja jista' jipparkja fi triq kemm bil-lejl u kemm bin-nhar anke l-ambulanzi.

60.2.11 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq 59.3.40 fuq il-van ta' l-ispeed camera.

60.2.12 Filfatt fil-minuti kien hemm li qabel ma nipproċedu għandha tkellimna s-Sinjorina Lorraine Farrugia fuqha.

60.2.13 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li hija trid titkellem fuq din il-camera fil-laqgħa tar-Reġjun.

60.2.14Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li hija ta' l-idea li titkellem mar-Reġjun Ċentru imma *on a one to one basis* peress li żgur li Kunsilli oħra ikollhom bżonn dan il-van ukoll.

60.2.15 Is-Sindku qalet li għandna niktbu lis-Sur Curmi jew lis-Sur Zammit tal-LESA biex naraw kemm tiġi biex jinkera van b'din il-camera.

60.2.16 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq 59.4.1jekk il-ħmieġ li tħalla mill-garbage tnaddafx.

60.2.17 Is-Segretarju nfurmat li hija kellmet lil *sweepers* u huma qalu li jekk jitwaqqa' xi skart meta jinġabar il-garbage suppost jinġabar mill-kollettur ta' l-iskart imma huma ikkonfermaw li din id-darba kellhom imorru u naddfu huma.

60.2.18 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq 59.4.3 fejn il-feedback li ngħata minn Hal Mann kien li huma kellmu lis-sid ta' l-għalqa fejn qalu li ser jagħtu permess lil Hal Mann itellgħu l-ħajt wara li jsir il-qlugħ tal-ħxejjex li għandhom.

60.2.19 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia kkonfermat li issa dan ix-xogħol lest għalhekk għandha tintbagħat reminder lil Hal Mann biex jitella' l-ħajt.

60.2.20 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq 59.4.5 fejn għadd hemm il-problema tal-*garbage* fi Triq Salvu Mifsud.

60.2.21 Hija qalet li l-problema għada hemm anzi iktar gravi u n-nies neħħew it-tabella ta' l-iskart ukoll.

60.2.22 Ġie deċiż li jitwaħħlu avviżi fuq skart illegali matul it-Triq Salvu Mifsud kollha mill-Kunsill fuq l-iskart. Dawn għandhom isiru mill-uffiċċju tal-Kunsill.

60.2.23 Is-Segretarju nfurmat li s-Sur Steve Cassar suppost għandu jibagħat l-ECO Wardens biex jagħmlu patrol fi Triq Salvu Mifsud.

60.2.24 Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat li kien ċemplilha s-Supretendent tat-traffiku biex jaċċertha li huwa qed jagħmel minn kollox biex jitnaqqsu l-problemi ta' l-irregolalita' f'Ħal Lija.

60.2.25Huwa qal li ser jiftaħ iktar l-għassa ta' Ħal Balzan biex it-tlett villaġġi ikunu jistgħu iktar jiġu milħuqa.

60.2.26 Is-Segretarju poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill rapport li l-Kunsill talab mingħand il-LESA ta' kemm ċitazzjonijiet ingħataw f'Ħal Lija għax-xahar ta' April 2017.

60.2.27Ingħataw 40 ċitazzjoni fosthom waħda biss fi Triq il-Forn u xejn fi triq il-Kunċizzjoni.

60.2.28 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill ukoll li dakinhar tal-laqgħa s-Supretendent Anthony Cassar kien tkellem mas-Segretarju u qal li l-Ħadd ta' qabel kien mar hu personalment fl-10.00p.m. u ma sab xejn ħlief żewġ karozzi li kienu qed imissu ħarira *double yellow lines*. Huwa qal li xorta tahom ċitazzjoni.

60.2.29 Huwa qal li ser ikomplu jagħmlu *site inspections* ta' spiss u fil-weekend. Huwa qal li fetaħ file bil-korrispondenza u rapporti kollha tagħna u kull pulizija li għandu ser jibagħtu biex jagħmel ir-ronda.

60.2.30 Ġie deċiż li ngħidu lis-Supretendent li jekk jiġi il-Ħadd filgħaxija mhux ser isib xejn imma jekk jiġu l-Ġimgħa u s-Sibt filgħaxija u anke jiġu filgħodu kmieni qabel ma jibdew il-Wardens.

60.2.31 Il-Kunsill iddiskuta li s-Sur Sandro mill-LESA kien qal li jekk nibgħatulu r-ritratti sa jumejn wara huwa ikun jista' xorta joħroġ ċitazzjoni imma din qatt ma saret.

60.2.32 Għandna ngħidu lil Sandro għaliex dan mhux qed isir u nistaqsuh ir-ritratti li konna bagħtnilhu x'sar minnhom għax il-ftehiem kien mod ieħor.

60.2.33 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li bħalissa għandna il-ħaddiema tar-Reġjun jaħdmu mal-ħaddiema tal-Kunsill.

60.2.34 Huma qed jagħmlu xi xogħol fil-Mitħna jiżbgħu u jirranġaw iċ-ċaċċis tat-twieqi.

60.2.35 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li tkellimna mal-Perit David Vassallo li huwa l-perit fuq il-binja ta' ħdejn il-Mitħna fejn ikkonferma li l-ħajt ser iwaqqgħuh u ser jitressaq kif suppost u anke ser iwittu anke bil-ħamrija.

60.2.36 Is-Sindku spjegat li lill-Perit qaltlu li ġejjin 25 Diplomats iżuru Ħal Lija u fosthom anke il-Mitħna allura kollox irid ikun lest għas-27 ta' Mejju 2017.

60.2.37 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li qed jitwaħħlu tabelli madwar ir-raħal għax il-Kunsill daħal fi programm mat-Tourist Board fuq il-Heritage Trail u meta jitlestew ix-xogħolijet, kull site f'Ħal Lija ser tkun indikata bl-ingliż u anke bil-Malti.

60.2.38 Hija kompliet tgħid li t-Tourist Board qed jitolbu ritratti antiki ta' Ħal Lija speċjalment tal-Mitħna.

## 60.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u VIP List

60.3.1 Is-Segretarju tkellemet fuq iktar xogħolijiet li l-ħaddiema tal-Kunsill ser jagħmlu fil-ġimgħa li ġejja.

60.3.2 Hija qalet li l-ħaddiema ser jimlew il-ħofor ta' HalMann u kif issuġerit is-Sinjorina Lorraine Farrugia dawn ix-xogħolijiet iridu jinqasmu fi tlett partijiet. L-ewwel parti l-Erbgħa 3 ta' Mejju 2017 in-naħa ta' l-abbati, it-tieni parti 04 ta' Mejju minn ħdejn Nenu tal-ħalib sal-kantuniera ta' fejn l-ambulanzi. U l-aħħar parti t-Tnejn 08 ta' Mejju 2017 minn ħdejn ta' l-ambulanzi sa Borġu Farmhouse. Matul il-ġurnata u l-lejl it-triq trid tibqa magħluqa għalhekk ser tingħalaq bil-barriers.

60.3.3 Is-Segretarju nfurmat li peress li t-triq ser tkun magħluqa bil-lejl ser ikun hemm bżonn jinxtraw żewġ blinkers u dawn jiswew €21.25 il-wieħed.

60.3.4 Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jinxtraw.

60.3.5 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li hija tixtieq li tmur tissorvelja dawn ix-xogħolijiet biex tara li qed isiru sewwa.

60.3.6 Is-Segretarju qalet li irridu nikkuntattjaw lill-*farmers* ta' dik l-area. L-informazzjoni fuq dawn il-farmers tista tinkiseb mill-applikazzjoni li kienet saret mal-Majjistral parks żmien ilu.
60.3.7 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar, tkellmet fuq 59.3.43 fuq il-problema biex jitneħħa parkeġġ minn quddiem id-dar ta' Dun Ġużepp minħabba li kien hemm problema għax ma setax tinħareġ stretcher mid-dar tiegħu.
60.3.8 Hija qalet li m'għandux jiċċaqqlaq xejn bħala parkeġġ u meta ikun hemm problema fuq ambulanzi jiġu ikkuntattjati l-pulizija.
60.3.9 Il-Kunsill qabel dwar dan.
60.3.10Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li ġiet ċirkulata e-mail bħala invit għal seminar bl-isem ta' SCOPE f' Ġunju 2017.
60.3.11 Hija ħeġġet lill-Kunsilliera li min hu interessat jitkellem mas-Segretarju.
60.3.12 Is-Sindku tkellmet fuq il-binja ta' triq Daniel Sammut fejn il-Kunsill kien għamel appell għax kienet ser tinbena binja ta' ħames sulari.
60.3.13Is-Sindku qalet li pprovat li naslu għal ftehim u dan seħħ.
60.3.14 Is-Sindku tat spjegazzjoni ta' kif waslu għal dan il-ftehim u qalet li r-residenti stess taw l-għajuna tagħhom f'dan ir-rigward.
60.3.15 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li hija flimkien mar-residenti li kienu qed jgħinu tkellmu mad-*developer* u li kieku ma waslux għal ftehim il-pass li jmiss kien ser ikun il-Qorti.
60.3.16 Fl-aħħar sar arranġament li l-binja issir bi tlett sulari u l-penthouse tiġi r*etacted* u isir basement u mhux semi basement u jkun għall-garaxxijiet biss u li l-garaxxijiet għandhom jinbiegħu ma' l-appartamenti.
60.3.17 Dan l-arranġament ġie aċċetat bil-patt u l-kundizzjoni li jekk ikun hemm xi ħaddieħor li jibni iktar minn erbgħa sulari hu itella ukoll.
60.3.18 Is-Sindku qed titlob lill-Kunsill biex nisalvagwardjaw l-area ta' Triq Daniel Sammut u triq Wiġi Muscat għax irridu nitolbu b'ittra lil min hu nkarigat mill-MEPA li huwa l-Prim Ministru u s-Sinjura Deborha Schembri li l-pjani ikunu kollha fuq il-livell ta' żewġ sulari u l-penthouse.
60.3.19 Il-Kunsill qabel dwar dan.
60.3.20 Is-Sindku qalet li wara erbgħa sigħat laqgħa ma' l-avukati u kull min kellu x'jaqsam ma' din il-kwistjoni il-ġimgħa l-oħra, illum waqa' l-appell.
60.3.21 Fuq dan is-Sindku xtaqet li kif ġibna press release biex noġġezzjonaw issa nagħmlu press release b'din id-deċiżjoni, imma forsi mhiex il-ħin u żmien addatat.
60.3.22Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq il-binja ta' fejn tibda Triq Annibale Preca quddiem il-Kmand u li tinfed għal triq Carmelo Farrugia.
60.3.23 Is-Sinjorina Farrugia qalet li x-xogħolijiet diġa bdew u irridu naraw li dan il-pjan ta' żvilupp li huwa l-barra mid-development zone li huwa hu rurali ta' hawn ġew.
60.3.24 Is-Sinjorina Farrugia qalet u s-Sindku qablet li irridu naraw eżatt dan l-iżvilupp f'hiex ser jikkonsisti.
60.3.25 Irid jiġi iċċekkjat il-PA number u wara naraw kif ser inġiebu l-informazzjoni fuq dan l-iżvilupp.
60.3.26 Is-Sinjorina Farrugia qalet li nkunu nistgħu nġiebu l-informazzjoni mill-MEPA bħala kemm il-sular ser itellgħu u l-aċċess, f'kelma waħda x'inhu eżatt dan l-iżvilupp.
60.3.27 Resident qed jagħmel request biex issir tabella fil-bidu ta' triq Sant'Andrija sqaq nru.1 biex ma jidħlux trakkijiet kbar. Huwa qal li fl-antik suppost kien hemm waħda u hija ta' bżonn għax mar biex jgħaddi *truck* minn hemm u weħel.
60.3.28 Il-Kunsill qabel ma' din ir-request u jekk tiġi approvata għandna nċemplu lir-resident biex naraw fejn għandha teħel din is-sign.
60.3.29 Tpoġġiet fuq il-mejda applikazzjoni għar-Reserved Parking fi Triq Sant'Andrija għal resident li joqgħod no.73 Triq Sant'Andrija. Din ir-residenta tixtieq terġa tfakkar lill-Kunsill ukoll li milhux hija kienet kitbet il-Kunsill rigward il-problema li għandha fi Triq Sant'Andrija biex issir bankina għax biex inizżlu t-tifel tagħhom mill-karozza bil-wheel chair jkollhom iħalluh fit-triq.

60.3.30 Il-Kunsill approva din ir-request.
60.3.31 Resident għandu tifel li ġej joqgħod hawn f'Ħal Lija fi Triq Robert Mifsud Bonnici viċin ta' Super car hire. Fejn ġej joqgħod irid iwaqqa u jibni mill-ġdid. Infatti qabel jibda ix-xogħol ser jkollu jagħmel *shifting* ta' xi bozoz u ser jagħmel anke *boundary wall* għas-safety tan-nies. Fejn ġej joqgħod għandu garaxx u quddiem dan il-garaxx hemm *parking spaces* bojod. Jixtieq għalhekk li l-kaxxa tal-*parking space* bajda li hemm quddiem il-garaxx tiegħu biss issir safra għax dejjem qed isib il-karozzi pparkjati.
60.3.32Din ir-request ġiet diskussa mill-Kunsill peress li ġie f'dubju kemm dan il-garage jintuża bħala garaxx jew le.
60.3.33 Din ir-request ġiet approvata mill-Kunsill u jekk ikun hemm xi problema jintbagħat għall-pulizija.
60.3.34 Email tar-resident li joqgħod sqaq nru.1 triq Sant'Andrija fejn qed jitlob li l-isqaq li iwassal għal triq tal-Mirakli tiġi 'One Way', li fejn jiftaħ l-isqaq isiru *parking bays* u li fi triq tal-Mirakli hemm reserved parking li jidher li ma sarx bil-liġi u jekk hu hekk dan għandu jitneħħa.
60.3.35 Il-Kunsill iddiskuta dawn ir-requests u ġie deċiż li għall-ewwel request irid jiġi diskuss mat-Transport Malta meta ssir il-laqgħa magħhom.
60.3.36 Fuq il-parking bays il-Kunsill qabel li għandna ngħidu lill-Perit.
60.3.37 Fuq ir-reserved parking il-Kunsill iddiskuta u ġie deċiż li għandna niċċekkjaw mat-TM u jekk sar bil-permess irid ikollna prova.
60.3.38 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill ċirkulari nr. 9/2017 – Inizjattiva Finanzjarja *Local Government Culture Fund.*
60.3.39 Din l-iskema għandha żewġ sejħiet għall-attivitajiet li ser isiru bejn Lulju u Diċembru 2017 li iridu jiġu sottomessi sa nofsinhar tal-Ġimgħa 12 ta' Mejju 2017 u t-tieni sejħa għall-attivitajiet bejn Jannar 2018 u Diċembru 2020. Is-sottomissjonijiet iridu jaslu sa nofsinhar tal-Ġimgħa 28 ta' Lulju 2017.
60.3.40 Ġie deċiż mill-Kunsill li mmorru għat-tieni sejħa għall-attivitajiet minn Jannar 2018 sa Diċembru 2018 u napplikaw għall-festival taċ-Ċitru 2018 u Jum Ħal Lija 2018.
60.3.41 Din l-iskema hija biss għall-Kunsilli u l-Kumitati Amministrattivi.
60.3.42 Id-diskussjoni tal-Kunsill kompliet bil-*Cultural Events Initiative Scheme* 2017 li kellha ssir nhar il-Ħadd 21 ta' Mejju 2017.
60.3.43 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat li konna irċevejna korrispondenza mingħand id-Dipartiment fejn dawn approvaw li l-venue ta' l-attivita' tista ssir mhux Villa Francia.
60.3.44 Is-Segretarju kkonfermat li lil Dr. Marc Sant konna ktibnilhu li l-Kunsill kien qabel li l-attivita' jibqa' jieħu ħsiebha hu pero ma smajna xejn iktar mingħandu.
60.3.45 Is-Sindku kkonfermat li hija ukoll ippruvat iċempilhu diversi drabi.
60.3.46 Ġie deċiż li għandna nibqgħu nippruvaw sakemm naqbduh kemm bil-miktub u kemm bit-telephone.
60.3.47 Dak il-ħin stess kemm is-Sindku u kemm il-Kunsilliera s-Sinjorina Lorraine Farrugia ippruvaw jagħmlu kuntatt ma' Dr.Marc Sant.
60.3.48 Huwa rrisponda b'messaġġ li jgħid li huwa ilu ġimgħatejn jipprova jagħmel laqgħa ma' min huwa konċernat pero Dr. Sant ilu ġimgħatejn jaqdi dmiru bħala ġurat u qiegħed daqsxejn magħffeġ bħalissa.
60.3.49 Lil Dr. Sant irridu ngħidulu li din l-attivita' ser issir filgħaxija u ħdejn it-Torri.
60.3.50 Resident xtaq jagħmel request għal mera fi Triq il-Kbira faċċata tal-garage tiegħu. (fil-passat dan ir-resident kien diġa għamel request biex issir din il-mera faċċata tal-garage tiegħu iżda r-resident tal-faċċata kien sab oġġezzjoni biex titwaħħal ħdejn id-dar tiegħu).
60.3.51 Il-Kunsill iddiskutew din ir-request u ġie deċiż li jaqbel ma' din ir-request imma irridu nistaqsu lir-residenti li kien oġġezzjona biex naraw jekk nistgħux inwaħħluha fuq *pole.*

60.3.52 Is-Segretarju poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill *request* mingħand s-Sur Samuel Cutajar is-Segretarju tal-Lija Athletic Football Club fejn qed jitolbu permess mill-Kunsill biex nhar il-Ħadd 30 t'April jagħlqu triq il-Forn bejn it-7.45p.m. u d-9.15p.m. għaċ-ċelebrazzjonijiet spontanji li ser isiru quddiem il-Club wara il-promozzjoni mill-Ewwel Diviżjoni għal Malta Premier Division.

60.3.53 Il-Kunsill qabel ma din ir-request u għandna nenfazzizaw li jirrispettaw lir-residenti rigward il-ħinijiet tal-mużika.

60.3.54 Huma talbu "No Parking" ta' żewġ postijiet quddiem il-Club.

60.3.55 Is-Segretarju u l-Kunsill qabel li għandna nibgħatu ittra lir-residenti kollha tal-madwar biex navżaw bid-dettalji ta' din l-attivita'.

60.3.56 L-ittra lir-residenti ser jippreparawha l-Lija Athletic Football Club u għandu ikollna kopja tagħha fil-Kunsill.

60.3.57 Is-Segretarju nfurmat li wara li ssir 'No Objection' mill-Kunsill ser immoru dritt għand il-Pulizija biex jieħdu permess anke mingħandhom u jibbukkjaw pulizija biex jiġi fuq il-post, peress li ser tingħalaq it-triq u servizz tal-gwardjan mhux *available*.

60.3.58 Il-Kunsill iddeċieda li għandna nagħmluhom'plakka' ta' l-okkazzjoni u nistednuhom biex jiġu għall-laqgħa li ġejja fit-25 ta' Mejju 2017 biex nipprezentawilhom.

60.3.59 Irid jiġi deċiż id-diskors li għandu jsir f'din il-plakka mill-Kunsilliera.

60.3.60 Is-Segretarju ppreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill il-pjanti tal-Perit li huwa pprepara għal *parking bays u lines* fi Triq Giuseppe Cali u t-tela' ta' Triq Preziosi.

60.3.61 Is-Segretarju nfurmat li kien sar ftehim ma' Dr. Marc Sant li dawn isiru mill-Kunsill u jitħallsu minn Transport Malta peress li triq saret għal l-ewwel darba mill-Gvern Ċentrali.

60.3.62 Dawn il-pjanti ġew approvati mill-Kunsill.

60.3.63 Is-Sur Salvu Farrugia ressaq suġġeriment li fejn is-Salvatur il-Qadim għandu jsir 'dotted line' bħala *parking bay* biex il-karozzi ikunu jistgħu jipparkjaw għax qiegħed ikun hemm problema kbira.

60.3.64 Ġie deċiż li għanda nitkellmu mal-Perit biex dawn il-bays u lines isiru mal-ħajt tal-Perit Refalo u forsi isiru slanting.

60.3.65 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill biex il-Kunsilliera jaħsbu x'jista' jsir f'Jum Ħal Lija iktar u iktar jekk ma jkollniex fondi għaliha.

60.3.66Hija qed tisuġerixxi li l-Cultural Activity fejn ser niehdu €5,000 għaliha forsi nkunu nistgħu nressqu d-data viċin is-6 ta' Lulju 2017.

## 60.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u petty cash

60.5.1 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash għal dan ix-xahar ta' April 2017.

60.5.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ma approvatx il-pagamenti tal-Waste Collection Ltd u ilmentat li f'Ħamis ix-Xirka u tlett ijiem ta' wara il-kollettur ma ġabarx il-boroż kollha.

60.5.3 Hija qed tilmenta kif il-Kunsill għadu jippermetti li dan isir u ma isir xejn qisu xejn mhu xejn.

60.5.4 Hija qed tinsisti li għandu jerġa' jingħata *warning* jew *default notice*.

60.5.5 Hija kompliet tgħid li veru li t-tender waslet fl-aħħar imma xorta waħda għandna nieħdu azzjoni.

60.5.6 Is-Sinjorina Farrugia qalet li l-kollettur huwa stess ammetta li ma ġabarx kollox għaxdakinhar inħareġ ħafna żibel.

60.5.7 Ġie deċiż mill-Kunsill li terġa tinħariġlu default notice wara li diġa tajnieh żewġ warnings u żewġ default notices.

60.5.8 Il-Kunsill qabel li għandna nitkellmu ma' l-Avukat u nistaqsu kemm il-default notice għandu jingħata qabel ma jitkeċċa.

60.5.9 Il-Kunsill qabel li fit-tender il-ġdida għandha titniżżel klawsola li tgħid li jekk ikun hemm xi ġurnata li l-garbage ma jinġabarx kollu għandu jitnaqqas il-ħlas għal dik il-ġurnata.

60.5.10 Rigward l-iskeda tal-pagamenti, s-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet fuq il-pagament tal-Ozone tat-telephone għax-xahar t'April.

60.5.11 Dan kien ta' ammont kbir iktar mis-soltu. Wara li ġiet iċċekkjata l-invoice kien innotat li dak kien żball għax kien ħlas ta' xahrejn u mhux xahar.

60.5.12 Is-Segretarju ikkoreġiet dan l-iżball minnufih.

60.5.13 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet anke fuq il-pagamenti ta' J.F. Mallia Ltd.

60.5.14Dawn tneħħew minn din l-iskeda biex jiġu iċċekkjati

60.5.15 Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri, sekondat mis-Sinjorina Stephanie Cutajar, il-pagamenti u l-petty cash ġew approvati unanimament.

## 60.6 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

60.6.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.50p.m. hu ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 25 ta' Mejju 2017, fil-5:00pm.

**IFFIRMATA**

Magda Magri Naudi
Sindku

**IFFIRMATA**

Georgette Borg
Segretarju Eżekuttiv